## SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 1 | SOCIAL STUDIES | TIME: 1hr 30mins |
|---|---|---|

Isem: ____________________________________ Klassi: ______________

**A** **<u>Sib it-tifsira billi tpoġġi numru fil-kaxxa</u>:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Jiena uniku/a u individwali | | fis-soċjeta'. |
| 2. | Jiena għandi karattru u personalita' | | tkompli s-soċjalizzazzjoni li tibda mill-familja. |
| 3. | Jiena nuża r-raġuni | | li tħobbni u trabbini. |
| 4. | Jiena nħobb u nirrispetta | | li rrid nibnihom jiena stess. |
| 5. | Jiena ngħix ma' l-oħrajn | | turi kif naħsibha jien. |
| 6. | Jiena għandi opinjoni | | ma' dawk ta' madwari. |
| 7. | Jiena nagħti daqqa t'id | | biex ħaddiehor iħobb u jirrispetta lili. |
| 8. | Jiena nibni relazzjoni | | m'hawnx ieħor/oħra bħali. |
| 9. | Meta nkun mal-ħbieb | | biex insib min jgħin lili. |
| 10. | Jiena nagħti sehmi fil-familja | | meta naħseb qabel nagħmel xi ħaġa. |

**(1x10 = 10 marki)**

**B. Il-familja tal-lum hi differenti mill-familja ta' dari. Qassam dawn li ġejjin u poġġihom skond il-lista:**

a) ix-xogħol isir bl-idejn
b) xogħol fl-għelieqi
ċ) it-tfal jitgħallmu l-iskola
d) il-mara tista' toħroġ taħdem
e) jitgħallem biss min jista' jħallas
f) il-mara postha fid-dar
g) familja fqira
ġ) ix-xogħol isir fil-fabbriki
h) xogħol tad-dar jinqasam bejn ġenituri u wlied
ħ) jintużaw ħafna magni

| Familja Moderna | Familja ta' Dari |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| ______________________ | ______________________ |
| ______________________ | ______________________ |
| ______________________ | ______________________ |
| ______________________ | ______________________ |

**(5 marki)**

**Ċ** **<u>Ir-rwoli tiegħi fil-ħajja</u>**

**Kull wieħed u waħda minna, għandna r-rwoli fil-ħajja tagħna. Dan ifisser li għandna funzjoni (xogħol) differenti li rridu naqdu skond fejn inkunu. Għalhekk aħna membri ta' familja, aħna għandna ħutna, aħna studenti u nagħmlu parti minn skola, aħna niffurmaw parti minn komunita' lokali. Fuq kollox aħna ċittadini Maltin għax twelidna Malta. Kull rwol li naqdu f'ħajjitna iġib miegħu drittijiet, kif ukoll dmirijiet.**

1. X'inhu rwol? ______________________________ (2)

2. Semmi 2 rwoli li għandek fil-ħajja? ______________________________
______________________________ (4)

3. Semmi x'tagħmel fi rwol tiegħek bħala membru ta' familja. ______________________________
______________________________ (4)

4. Semmi x'tagħmel fi rwol tiegħek ta' student ______________________________
______________________________ (2)

5. Tkun ċittadin/a tajjeb/tajba tfisser ______________________________
(2)

6.Semmi 2 drittijiet li għandek bħala ċittadin/a Malti/ja. ______________________________
______________________________ ______________________________ (4)

7.Semmi 2 dmirijiet li għandek bħala ċittadin/a Malti/ja. ______________________________
______________________________ ______________________________ (2)

**(2x10 = 20 marka)**

**D** **Jiena ma nistax ngħix waħdi, għax f'ħafna affarijiet għandi bżonn l-għajnuna ta' ħaddieħor.**
**Semmi 5 esperjenzi li taqsam ma' l-oħrajn:**

1. ______________________________
2. ______________________________
3. ______________________________
4. ______________________________
5. ______________________________

**(10 marki)**

**E.** **<u>Agħti tifsira ta' dawn is-sentenzi.</u>**

1. Illum issib tipi differenti ta' familja ______________________________
______________________________

2. L-edukazzjoni hi obbligatorja għax poplu bla skola hu poplu fqir ______________
______________________________

3. L-uniformi tagħmilni kburi/ja bl-iskola tiegħi ________________________________________

________________________________________________________________________

4. Fl-iskola Primarja tgħallimt nikteb u naqra, imma fis-Sekondarja irrid inkompli nibni l-karattru u l-personalita' tiegħi ________________________________________

________________________________________________________________________

5. Fil-familja nitgħallem il-valuri tal-ħajja ________________________________________

________________________________________________________________________

**(2x5 = 10 marki)**

**F. L-edukazzjoni taqdi l-iżjed funzjoni importanti, għax minbarra li żżidli l-għerf, tgħallimni r-regoli tas-soċjeta' biex ngħix aħjar maċ-ċittadini l-oħra. Qabbel flimkien billi tpoġġi numru fil-kaxxa:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. tagħlim soċjali | | għax nibqa' nitgħallem dejjem. |
| 2. tagħlim personali | | l-ewwel tagħlim wara li nitwieled fil-familja. |
| 3. tagħlim morali | | dwar is-soċjeta'. |
| 4. tagħlim familjari | | inkun kapaċi nagħżel it-tajjeb. |
| 5. tagħlim għall-ħajja | | għall-karattru u l-personalita' tiegħi. |

**(5 marki)**

**G. Soċjalizzazzjoni tfisser titgħallem ir-regoli ta' mġiba fis-soċjeta'. Soċjalizzazzjoni Primarja hu tagħlim fil-familja , u Soċjalizzazzjoni Sekondarja hu t-tagħlim li nieħu mis-soċjeta' in ġenerali.**
**<u>Jekk tgħallimthom fil-familja agħmel (F), jekk fis-soċjeta' agħmel (S)</u>**

a) trobbija u mħabba (F)
a) naqsam ma' ħaddieħor fl-iskola ( )
b)ikolli dar fejn noqgħod ( )
c) inħares il-liġijiet tal-pajjiż ( )
d)l-ewwel kliem u għajnuna ( )
e) kull fejn immur inżomm nadif ( )
f)nagħti sehmi fil-komunita' ( )
ġ) l-ewwel ikel sustanzjuz biex nikber b'saħħti ( )
g)rispett lejn l-oħrajn ( )
h) l-ewwel tagħlim tal-lingwa ( )
ħ)inkanta l-Innu Malti ( )

**(5 marki)**

**GĦ. <u>Kieku int x'kont tagħmel? Agħmel sinq taħt it-tajba:</u>**

1. Jinqala' argument fil-familja minħabba nuqqas ta' qbil
(a) tkompli l-argument (b) tirraġuna mingħajr għajjat

2. Fil-festa tar-raħal int u l-ħabib/a mhux ta' l-istess partit toħorġu flimkien
(a)tippretendi li jaqbel/taqbel miegħek (b) taċċetta li kulħadd għandu dritt għall-opinjoni tiegħu

3. Waqt il-lezzjoni fil-klassi jinqala' inċident mhux mistenni
(a) tindaħal fejn ma jesgħakx (b) titlob l-għajnuna ta' l-għalliem

4. L-akbar ħabiba tiegħek toffrilek sigarett.
   (a) ma tiħux għax taf li ħażin għas-saħħa (b) tieħu biex tkun ippruvajt

5. Il-grupp ta' ħbieb tiegħek jiddeċiedu li jmorru disco
   (a) tiddiskutiha mal-ġenituri (b) tissuppervja jekk ma jħallukx tmur

**(5 marki)**

**GĦ. Ħares madwarek u għid x'rajt:**

1. Semmi xogħol jew proġett li għamel il-Kunsill Lokali tal-belt jew raħal tiegħek

   ______________________________

2. Semmi attivita' li saret fis-sala ta' l-iskola

   ______________________________

3. Semmi żjara ma' ta' l-iskola

   ______________________________

4. Semmi regolament ta' l-iskola

   ______________________________

5. Semmi okkażjoni ta' periklu għal saħħtek

   ______________________________

**(2x5 = 10 marki)**

**Ħ. <u>Ikteb madwar 100 kelma fuq WIEĦED minn dawn:</u>**

a) Għid għaliex l-Istudji Soċjali hu suġġett bżonnjuż f'ħajjitna. Semmi tliet esperjenzi li tgħallimt minn dan is-suġġett.

b) Jiena, bħala persuna, għandi karattru, personalita' u talenti. Tkellem dwarek fuq dawn it-tliet punti.

ċ) Il-familja trabbik, tgħinek, u tippreparak għall-ħajja. Għid kif il-familja tiegħek tagħtik dawn il-valuri.

d) Nibni relazzjoni ma' l-oħrajn fuq l-imħabba, għajnuna u rispett. Kif turihom dawn il-valuri lejn il-ġenituri, għalliema u ħbiebek?

e) Mhux dejjem naqblu f'kollox u ma' kulħadd għax ilkoll għandna l-idejat u l-opinjonijiet tagħna. Semmi każi fejn ma' qbiltx iżda xorta urejt rispett biex solvejt il-problema.

f) Tkellem dwar xi ħarġa ma' ta' l-iskola, jew xi proġett li għamilt u għid x'tgħallimt u xi swielek.

**(20 marka)**